

Rikors ippreżentat fit-13 ta' Frar 2023 – Aesculap vs EUIPO – Aeneas (AESKUCARE)**(Kawża T-65/23)**

(2023/C 112/62)

Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż

Partijiet*Rikorrent:* Aesculap AG (Tuttlingen, il-Ġermanja) (rappreżentant: N. Hebeis, avukat)*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Aeneas GmbH & Co. KG (Wendelsheim, il-Ġermanja)**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO***Applikant għat-trade mark kontenzjuża:* il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* applikazzjoni għat-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea AESKUCARE – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 17 789 025*Proċedimenti quddiem l-EUIPO:* proċedimenti ta' oppożizzjoni*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-12 ta' Novembru 2022 fil-Każ R 18/2022-2**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata sa fejn id-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni tal-EUIPO tat-30 ta' Novembru 2021 ġiet annullata u l-oppożizzjoni ġiet miċħuda fir-rigward tal-prodotti u s-servizzi li għalihom saret l-applikazzjoni fil-klassijiet 5, 42 u 44;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż tal-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u lill-intervenjenti għall-ispejjeż tal-proċedimenti quddiem l-EUIPO.

Motiv invokat

- Ksur tal-Artikolu 8(5) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Rikors ippreżentat fit-13 ta' Frar 2023 – Aesculap vs EUIPO – Aeneas (AESKUCARE Allergy)**(Kawża T-66/23)**

(2023/C 112/63)

Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż

Partijiet*Rikorrent:* Aesculap AG (Tuttlingen, il-Ġermanja) (rappreżentant: N. Hebeis, avukat)*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Aeneas GmbH & Co. KG (Wendelsheim, il-Ġermanja)**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO***Applikant għat-trade mark kontenzjuża:* il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: applikazzjoni għat-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea AESKUCARE Allergy – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 17 917 493

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-23 ta' Novembru 2022 fil-Każ R 20/2022-2

Talbiet

Ir-rikorreni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata sa fejn id-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni tal-EUIPO tat-30 ta' Novembru 2021 ġiet annullata u l-oppożizzjoni ġiet miċħuda fir-rigward tal-prodotti u s-servizzi li għalihom saret l-applikazzjoni fil-klassijiet 5, 42 u 44;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż tal-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u lill-intervenjenti għall-ispejjeż tal-proċedimenti quddiem l-EUIPO.

Motiv invokat

- Ksur tal-Artikolu 8(5) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Rikors ippreżentat fl-10 ta' Frar 2023 – DEC Technologies vs EUIPO – Tehnoexport (Rappreżentazzjoni ta' forma kwadrangolari bil-kurvi)

(Kawża T-68/23)

(2023/C 112/64)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: DEC Technologies BV (Enschede, il-Pajjiżi l-Baxxi) (rappreżentant: R. Brtka, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Tehnoexport d.o.o. (Indjija, is-Serbja)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Proprjetarju tat-trade mark kontenzjuża: ir-rikorreni

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: it-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea (Rappreżentazzjoni ta' forma kwadrangolari bil-kurvi) – Trade mark tal-Unjoni Nru 18 124 427

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' kanċellazzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-30 ta' Novembru 2022 fil-Każ R 2012/2021-5

Talbiet

Ir-rikorreni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

Motiv invokat

- Ksur tal-Artikolu 59(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.
-